MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 570/2016/1 LM

**Hydroelectric Limited**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Cutrico Limited (C 55486)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta, hawnhekk "l-appellanta" jew "Cutrico", **Cutrico Limited** (C 55486) mis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru, 2018 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi:

> *"... jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn, tmien mija u tlettax-il euro u sitta u sittin ċenteżmu (€2,813.66), bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.*
>
> *Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' fatt fuq magħmula, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet permezz ta' Avviż tat-Talba li s-soċjetà attriċi, hawnhekk "l-appellata" jew "Hydroelectric", **Hydroelectric Limited** ippreżentat quddiem it-Tribunal fit-30 ta' Novembru, 2016, fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' elfejn, tmien mija u tlettax-il Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€2,813.66), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lis-soċjetà konvenuta mis-soċjetà attriċi, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mid-data tal-fattura kontra s-soċjetà konvenuta.

**Mertu**

3. Permezz tal-proċeduri li fetħet quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi l-ħlas għal merkanzija konsistenti f'sistema ta' *ventilation control panel* għal sistema ta' *airconditioning* li s-soċjetà konvenuta kellha twaħħal f'bini tal-kommittent tagħha Ernst & Young Ltd, fejn kienet qed twettaq xogħlijiet taħt kuntratt ta' appalt. Iż-żewġ partijiet ressqu xiehda estensiva, u teknika, dwar x'ordnat is-soċjetà konvenuta mingħand is-soċjetà attriċi, x'ikkonsenjat u x'għamlet is-soċjetà attriċi fil-bini tal-kumpannija terza, u meta u kif ġie kompletat dan l-inkariġu, inkluż il-kwistjonijiet li nqalgħu fil-kors ta' din ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet.

4. Fir-risposta tagħha għal din it-talba, is-soċjetà konvenuta wieġbet li (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda; (ii) dwar il-fattura numru 58570 għall-ammont ta' €433.02ċ, din il-merkanzija ġiet konsenjata taħt garanzija flok merkanzija oħra li kienet difettuża; u (iii) mhux minnu li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi billi s-soċjetà attriċi naqset li tikkonsenja l-merkanzija skont il-ftehim bejn il-partijiet, u b'hekk is-soċjetà konvenuta sofriet danni li jeċċedu l-ammont mitlub. Skont il-ftehim tal-partijiet, is-soċjetà attriċi kellha tikkonsenja l-merkanzija fi żmien 6 jew 8 ġimgħat mis-27 ta' Marzu, 2015, u l-merkanzija ġiet konsenjata f'April 2016.

5. Stephen Ciantar, direttur tas-soċjetà attriċi, fl-*affidavit* tiegħu jgħid li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont mitlub, u dan rigward ordnijiet li saru bejn Settembru 2015 u Lulju 2016. Huwa spjega li f'Mejju 2015, is-soċjetà attriċi kienet aċċettat it-talba tas-soċjetà konvenuta biex tbiegħilha *ventilation control panel*, skont speċifikazzjonijiet li tat Cutrico stess. Wara l-ewwel stima, l-inġinier ta' Cutrico naqqas l-ispeċifikazzjonijiet, u Hydroelectric ħarġet it-tieni stima li ġiet aċċettata minn Cutrico. Hydroelectric forniet u stallat din is-sistema. Wara xi żmien, Cutrico talbet funzjonijiet oħra b'żieda ma' dawk imsemmija fil-verżjoni oriġinali. Dawn il-modifiki saru bi qbil bejn it-tekniċi taż-żewġ kumpanniji. L-ewwel stima kienet ħarġet f'Mejju 2015, però Alex Azzopardi ta' Cutrico talab li jitnaqqsu xi elementi. Meta sar dan minn Yosef Scicluna mqabbad minn Hydroelectric, Cutrico talbet aktar modifiki, u dan baqa' għaddej, sakemm is-sistema finali kienet konsenjata u aċċettata minn Cutrico f'Awissu 2015. Hydroelectric ħarġet il-fattura għall-ammont ta' €1,710.27 f'Settembru 2015. Bejn Jannar u Frar 2016 saru laqgħat bejn iż-żewġ naħat, u Cutrico talbet tibdil ieħor fis-sistema, li twettaq, però Cutrico baqgħet ma ħallsitx. Cutrico mbagħad xtrat diversi oġġetti oħrajn, li tagħhom baqgħet ma ħallsitx, u li jidhru elenkati fil-fatturi annessi mal-istess *affidavit*. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, dan ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà attriċi kienet tat kwotazzjoni għal *panel,* iżda s-soċjetà konvenuta kienet talbet għal *panel* b'inqas funzjonijiet. Qal li meta saret l-installazzjoni, is-soċjetà konvenuta kienet qalet li l-funzjonijiet oriġinalment mitluba kienu għadhom meħtieġa, iżda kien laħaq għadda ż-żmien sabiex setgħu jsiru l-

arranġamenti neċessarji mis-soċjetà attriċi għaż-żieda ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet, u s-soċjetà konvenuta kienet tardiva fil-ħlas għall-ordni li kienet għamlet oriġinarjament.

Yosef Scicluna, inġinier li minn żmien għal żmien kien jitqabbad jagħmel xogħol għas-soċjetà attriċi, xehed li f'Lulju tal-2015 kien tkellem ma' Michel Le Brun, impjegat tas-soċjetà attriċi, u għaddielu *circuit diagram* sabiex jaħdem *controller* għal *ventilation panel* b'dan is-*circuit diagram* bħala mudell li kien ipprovdut mis-soċjetà konvenuta. Dan ix-xhud qal li xi ħamest ijiem wara, huwa kien diġà beda jaħdem fuq is-*software programming* meħtieġ sabiex dan il-*panel* ikun jista' jiġi kkonsenjat. Spjega li meta kien qiegħed jiddiskuti l-ispeċifikazzjonijiet ma' Alex Azzopardi, esponent tas-soċjetà konvenuta, dan kien qallu li seta' jħalli l-i*speed driver* barra. Qal li fit-13 t'Awwissu, 2015, huwa kellu laqgħa oħra ma' Alex Azzopardi, li wrieh kif taħdem is-sistema, u żied jgħid li din ġiet aċċettata mis-soċjetà konvenuta. Fil-fatt xi jiem wara, din is-sistema ġiet ikkonsenjata. Dan ix-xhud qal li sad-9 ta' Novembru, 2015, huwa ma sema' xejn iżjed dwar din is-sistema mingħand is-soċjetà konvenuta. Imma fid-9 ta' Novembru, 2015, huwa kien mar fuq is-sit fejn kien ġie installat dan il-*panel,* sabiex il-*panel* ikun jista' titqabbad mas-sistema ta' Ernst & Young. Spjega li dakinhar ix-xogħol li kellu jwettaq huwa, ma setax isir għax Ernst & Young ma kinux lesti fil-preparamenti li kellhom jagħmlu biex issir din il-biċċa xogħol. Qal li fit-12 ta' Jannar, 2016, hu reġa' mar l-uffiċċju ta' Ernst & Young sabiex isir in-*network cable,* u jaġġorna s-*software,* iżda dakinhar huwa ntalab jinstalla funzjonijiet differenti fis-*software.* Dan ix-xhud ikkonferma li fis-27 ta'

Jannar, 2016, inżammet laqgħa bejn rappreżentanti tas-soċjetà attriċi u Alex Azzopardi mis-soċjetà konvenuta, fejn ġiet diskussa l-*invoice* li nħarġet u d-differenza li kellha tiżdied minħabba t-tibdil fis-*software.* Qal li fi Frar tal-2016, saret laqgħa oħra l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta, fejn għal darb'oħra ġew diskussi l-pagamenti pendenti u żdiedu funzjonijiet oħra mas-*software*, din id-darba għall-kontroll tat-temperaturi bejn ix-xitwa u s-sajf. Ix-xhud qal li huwa beda jaħdem fuq dan is-*software* fid-9 ta' Frar, 2016, u f'laqgħa li kellu ma' Alex Azzopardi fit-12 ta' Frar, 2016 biex jurih il-funzjonijiet installati minnu, huwa kien intalab iżid il-kontroll tal-*ispeed drives.* Ix-xhud qal li huwa reġa' mar l-uffiċċju ta' Ernst & Young fis-16 ta' Frar, 2016, sabiex jerġa' jaġġorna s-*software,* u dakinhar intalab iżid modifika oħra, din id-darba sabiex jiġi installat it-*three-way valve.*

Martin Sansone, *commercial director* tas-soċjetà attriċi qal li s-soċjetà konvenuta kienet klijenta regolari tal-attriċi. Spjega li fost il-konsenji ta' materjali li saru, kien hemm diversi *ballasts,* li numru minnhom ma baqgħux jiffunzjonaw tul is-snin, u għalhekk f'Settembru tal-2015 is-soċjetà konvenuta kienet xtrat għadd ta' *ballasts* li baqgħet ma ħallsitx tagħhom. Qal li meta rappreżentant tas-soċjetà konvenuta beda jilmenta għax diversi *ballasts* mixtrija mingħand l-attriċi kienu difettużi, huma ntalbu jirritornawhom sabiex jinbidlu mis-soċjetà attriċi, iżda dawn baqgħu ma ġewx ritornati.

Michel Le Brun, *technical sales executive* tas-soċjetà attriċi, spjega kif il-kwotazzjoni oriġinali kienet għall-prezz ta' €4,951.93, iżda esponenti tas-

soċjetà konvenuta kienu talbu għal reviżjoni ta' dan il-prezz wara li naqqsu xi speċifikazzjonijiet li oriġinarjament kienu mitluba minnhom. In segwitu s-soċjetà attriċi ħarġet kwotazzjoni ġdida, din id-darba għall-prezz ta' €2,443.01, u qal li dan l-ammont ma kienx jinkludi l-*ispeed drives* li ġew miżjuda separatament, u li kienu jiswew €193. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, dan ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kienet indikat li kien hemm xi servizzi li riedet li jiġu installati f'qasir żmien, u servizzi oħra li setgħu jistennew. Wara li saret l-installazzjoni, intalbu modifiki tal-*permutations* fil-mod kif jaħdem il-*control panel.*

Il-*managing director* tas-soċjetà konvenuta, Gino Cutajar, qal li bħala kumpannija huma kienu jixtru diversi oġġetti mingħand is-soċjetà attriċi, u f'Novembru tal-2015 bdew jiltaqgħu ma' diversi problemi għax huma ma kinux qegħdin jonoraw it-termini ta' żmien miftiehma ma' Ernst & Young għall-installazzjoni tal-*ventilation control panel* fl-uffiċċini tagħhom. Qal li meta fis-27 ta' Mejju, 2015 ġie ordnat dan il-*panel*, il-ftehim mas-soċjetà attriċi kien li dan kellu jiġi kkosenjat fi żmien sitta jew tmien ġimgħat, ċjoé sas-27 ta' Lulju, 2015. Qal li minkejja dan, is-sistema ġiet installata fit-8 ta' Marzu, 2016, u xorta waħda kien għad hemm diversi kwistjonijiet x'jissolvew. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta kienet ser tinżamm responsabbli minn Ernst & Young għall-ħlas ta' penali minħabba fid-dewmien biex jiġi installat dan il-*panel.* Dan ix-xhud ċaħad li wara li saret l-installazzjoni minn impjegati tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà konvenuta kienet talbet li jsiru xi modifiki, tant hu hekk is-soċjetà konvenuta qatt ma ngħatat kwotazzjoni bil-modifiki ordnati. Dan ix-xhud qal li

f'telefonata li kellu ma' Martin Sansone fis-27 ta' Ottubru, 2016, huwa kien offra ħlas *in full and final settlement* fl-ammont ta' €1,103.39, iżda din l-offerta ġiet rifjutata. Qal li fl-4 ta' Novembru, 2016, is-soċjetà attriċi talbet laqgħa tramite d-difensuri legali tagħha, iżda li din il-laqgħa baqgħet qatt ma saret, u minflok infetħu dawn il-proċeduri. Dan ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta ħallset l-ammont ta' €1,867.30 f'danni. Fil-kontro-eżami li sar lil dan ix-xhud, dan qal li s-soċjetà konvenuta kienet irreġistrat diversi ilmenti minħabba difetti fil-*ballasts* li nxtraw, iżda ma kienx jaf iwieġeb jekk sarx il-ħlas mis-soċjetà konvenuta għall-*ballasts* li allegatament kienu difettużi. Ix-xhud ikkonferma li l-*panels* li hemm installati fl-uffiċċini ta' Ernst & Young huma l-istess *panels* li kienu nxtraw mingħand is-soċjetà attriċi, u dan minkejja li huma bħala kumpannija kellhom iħallsu penali għax l-installazzjoni tal-*panels* ma saritx fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet. Spjega li sabiex tħallsu l-penali dovuta wara Diċembru 2015, is-soċjetà Ernst & Young ma baqgħetx tħallas pagamenti sħaħ li kienu dovuta lis-soċjetà konvenuta, iżda bdiet tagħmel ħlasijiet ridotti, bil-penali dovuta lilha mnaqsa.

Keith Cutajar, *operations manager* tas-soċjetà konvenuta, xehed li s-soċjetà konvenuta inkorriet il-ħlas ta' penali lis-soċjetà Ernst & Young minħabba fid-dewmien sabiex saret din l-installazzjoni. Qal ukoll li sad-29 ta' Marzu, 2016, mhux il-funzjonijiet kollha tal-*ventilation control panel* kienu ġew installati, u s-sistema kienet kompluta 46 ġimgħa wara l-konferma tal-kwotazzjoni mis-soċjetà konvenuta. Fil-kontro-eżami li sar lil dan ix-xhud, dan ikkonferma li l-konsenja tal-*ventilation control panel* saret f'Awwissu tal-2015, iżda din ma

kinitx kompluta kif kienet oriġinarjament ordnata għaliex kellha għadd ta' funzjonijiet neqsin. Ix-xhud qal li s-sistema bdiet tiffunzjona fil-11 ta' April, 2016.

## Is-Sentenza Appellata

6. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru, 2018, it-Tribunal laqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement ikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn, tmien mija u tlettax-il Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€2,813.66), bl-imgħax kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"B'din il-kawża, is-soċjetà attriċi qed titlob ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-*ventilation control panel *li ħadmet u kkonsenjat lis-soċjetà konvenuta, u wkoll il-prezz ta' attrezzaturi tad-dawl li s-soċjetà konvenuta xtrat mingħand is-soċjetà attriċi bejn is-snin 2015 u 2016.*
>
> *Kwantu għat-talba għall-ħlas tal-prezz tal-attrezzaturi tad-dawl, is-soċjetà konvenuta tippretendi li ma baqalha tħallas xejn fir-rigward, għaliex ħallset il-prezz sħiħ ta' dawn l-attrezzaturi li xtrat mingħand is-soċjetà attriċi, u l-fattura numru 58570 (li ma tħallsitx) kienet tirrigwarda attrezzaturi konsenjati lilha b'sostituzzjoni ma' attrezzaturi difettużi, taħt il-garanzija.*
>
> *Billi s-soċjetà konvenuta ma tiċħadx li għamlet dawn l-akkwisti mingħand is-soċjetà attriċi, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprova li fil-fatt ħallset il-prezz tagħhom, bir-riċevuti appożiti, jew li kienet eżentata (legalment jew kuntrattwalment) milli tħallas tagħhom. Minn dan kollu, però, is-soċjetà konvenuta ma ppruvat xejn. Għall-kuntrarju, l-uffiċjali u r-rappreżentanti tagħha li xehdu f'din il-kawża jaċċettaw li l-akkwisti saru, u li s-soċjetà attriċi kienet offriet li tieħu lura l-attrezzaturi allegatament difettużi, però s-soċjetà konvenuta naqset li tipprevalixxi ruħha minn din l-offerta. Mill-bqija, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda riċevuta ta' ħlas,*

*ebda konferma miktuba, jew xhieda ċara u kredibbli b'mod ieħor, li dawn l-ammonti dovuti minnha tħallsu. Konsegwentement, id-difiża tagħha kontra t-talba għall-ħlas m'għandhiex mis-sewwa, u ser tiġi miċħuda.*

*Il-pern tal-kwistjoni f'dan il-ġudizzju tirrigwardja l-*ventilation control panel. *It-Tribunal qies bir-reqqa x-xhieda, u d-dokumenti kollha, ippreżentati miż-żewġ partijiet, biex isostnu l-pożizzjoni rispettiva. Wara li qies dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li din il-kwistjoni kollha qamet minħabba li l-komunikazzjoni bejn iż-żewġ kumpanniji – bil-mezz tal-uffiċjali rispettivi – ma kinitx ċara u diretta. B'mod partikolari, it-Tribunal jirreferi għall-mod kif is-soċjetà konvenuta ppreżentat it-talba tagħha għall-bejgħ ta' dan il-*ventilation control panel – *apparat li kellu jkun tant sofistikat u sensittiv, li addirittura kellu jitqabbad man-*network *ta' kumpannija mill-kbar fil-qasam tal-awditjar. L-uffiċjal tekniku tas-soċjetà konvenuta, li allura kien jaf, jew kien mistenni li jkun jaf, id-dettalji kollha tekniċi, u l-funzjonijiet, li kellu jkollu dan il-*panel, *biex jaqbel mal-ordni u l-aspettattivi tal-kommittent tiegħu, messu spjega lil rappreżentant tekniku – u mhux sempliċiment lil* salesman – *tas-soċjetà attriċi x'kien qed jistenna mill-ordni. It-Tribunal ma jistax jaċċetta bħala veritiera, jew korretta, id-dikjarazzjoni ta' Alex Azzopardi li huwa għabba lil Michel Le Brun bir-responsabbilità li jirrediġi, u jifhem, x'riedet is-soċjetà konvenuta. Mill-banda l-oħra, it-Tribunal jidhirlu li s-soċjetà attriċi kellha tħaddem sistema ta' komunikazzjoni aħjar bejn it-tekniċi tagħha, u l-klijenti li jinkarigawha twettaq xogħlijiet tekniċi. Il-komunikazzjoni bil-mezzi elettroniċi moderni tista' – u ħafna drabi – ma tkunx l-aħjar mod kif il-messaġġ jasal sħiħ, ċar u bla kweżiti, għand min għandu jasal. Is-soċjetà attriċi, u d-diriġenti tagħha, li jidhru li għandhom esperjenza twila fil-qasam, messhom kienu jafuh dan, u messhom esiġew li l-inġinier Yosef Scicluna jikkomunika direttament ma' Alex Azzopardi <u>qabel</u> ma beda jwettaq l-inkarigu mogħti lilu.*

*Bl-istess mod, it-Tribunal ma jemminx li Alex Azzopardi, li huwa persuna teknika u kellu jkun jaf preċiż x'ried il-kommittent tas-soċjetà konvenuta, ma fehemx bl-allegati funzjonijiet nieqsa fil-*panel *meta mar jaraha taħdem l-ewwel darba fil-*workshop *ta' Scicluna. Wara li qies iż-żewġ verżjonijiet kunfliġġenti ta' Scicluna u Azzopardi, li kellhom il-proġett f'idejhom u mxew fih pass pass, it-Tribunal jagħżel li jagħti kredibbilità lill-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Yosef Scicluna għas-segwenti raġunijiet: (i) id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet li kellha taqdi l-*panel *hija ekwivoka, u Scicluna kien ġustifikat jifhimha kif fehemha; (ii) Azzopardi messu nduna bil-*

*funzjonijiet nieqsa meta attenda għall-prova f'Awwissu 2015, però għall-kuntrarju aċċettaha kif preżentata lilu; (iii) il-funzjonijiet li ma sarux mill-bidu tant kienu speċifiċi li Azzopardi ma setax ma ndunax li kienu nieqsa matul il-prova ta' Awwissu 2015; (iv) Azzopardi ma tax spjegazzjoni verosimili ta' x'ġara bejn Awwissu 2015 u Novembru 2015, u għalxiex f'Novembru 2015 ma seħħitx il-komunikazzjoni tal-panel man-network ta' Ernst & Young, filwaqt li l-ispjegazzjoni mogħtija minn Scicluna hija aktar verosimili, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet; (v) jidher ċar li d-dewmien kien dovut għan-nuqqas ta' ħlas da parti tas-soċjetà konvenuta, kif dikjarat ċar minn Stephen Ciantar, tant li wara l-laqgħa miżmuma fil-bidu tas-sena 2016, u l-ħlas li jammetti li għamel Gino Cutajar f'dak l-istadju, il-funzjonijiet mitluba twettqu.*

*It-Tribunal jagħżel ukoll li jagħti aktar kredibbilità lill-verżjoni tas-soċjetà attriċi, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, wara li jqis li s-soċjetà konvenuta minn jeddha offriet ħlas għas-saldu, li però baqgħet la affettwat (għax ġie rifjutat) u lanqas iddepożitat. Fil-frattemp, però, il-materjali mixtrija ġew konsenjati u aċċettati minnha, u kieku ma kienx għal din il-kawża, ma kienet tagħmel xejn iżjed. Mill-banda l-oħra, il-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta li batiet danni minħabba fid-dewmien – konsistenti fi spejjeż żejda u penali mal-kommittent tagħha – qed tiġi skartata mit-Tribunal, kemm għaliex is-soċjetà konvenuta ma ressqitx l-aħjar prova ta' dawn id-danni li tallega li batiet, anzi tammetti li ma għarrfitx, u lanqas għaddiet dokumentazzjoni dwarhom, lis-soċjetà konvenuta. Id-dokumenti li s-soċjetà konvenuta ppreżentat f'din il-kawża dwar ir-relazzjoni li kellha mal-kommittent tagħha, il-ħlasijiet li rċeviet in konnessjoni mal-appalt, u xi tnaqqis li seta' kien hemm, ma jinftiehemx mingħajr għarfien ċar ta' dik ir-relazzjoni, bil-kundizzjonijiet sħaħ li kien hemm jorbtu lis-soċjetà konvenuta, u bl-aħjar prova sostnuta mill-kommittent innifsu tat-telf li setgħet batiet is-soċjetà konvenuta bi ħtija tas-soċjetà attriċi.*

*Għar-raġunijiet kollha fuq mogħtija, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn, tmien mija u tlettax-il euro u sitta u sittin ċenteżmu (€2,813.66), bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.*

*Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' fatt fuq magħmula, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża."*

**Ir-Rikors tal-Appell**

7. Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Ottubru, 2018, fejn talbet lill-Qorti sabiex:

*"...tiddeċiedi dan l-appell billi takkolji l-istess kwindi tirrevoka u tħassar għal kollox is-sentenza tal-25 ta' Settembru 2018 fl-ismijiet premessi, tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà konvenuta u konsegwentement tiċħad it-talba attriċi.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi."*

8. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal prinċipalment għaliex it-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu fuq apprezzament tal-kredibbilità o meno tax-xhieda mressqa u mhux fuq il-kwalità tal-apparat sofistikat u sensittiv inkwistjoni. Is-soċjetà konvenuta tgħid li din il-kwistjoni kellha tiġi riżolta bil-ħatra ta' espert tekniku dwar din il-materja, u mhux fuq apprezzament ta' min mix-xhieda kien l-aktar kredibbli f'dak li qal. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi mressqa wieħed jista' faċilment jasal għall-konklużjoni li t-Tribunal kellu jaħtar espert tekniku in materja dwar l-apparat inkwistjoni, għaliex it-Tribunal la għandu u lanqas m'huwa mistenni li jkollu dan il-livell ta' *expertise.* Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li s-soċjetà konvenuta rriskontrat problemi bil-merkanzija kkonsenjata lilha, u dan huwa evidenti partikolarment min-natura tal-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet fil-kawża, u kien in vista tan-nuqqas ta' ħatra ta' espert tekniku, li t-Tribunal wasal għal deċiżjoni żbaljata. Is-soċjetà appellanta sostniet li sabiex ikun hemm deċiżjoni minn din il-Qorti li tista' tiġi kkunsidrata bħala ġusta u ekwa, hemm il-ħtieġa li jitqabbad espert

tekniku sabiex jivvaluta l-ilment tas-soċjetà appellanta u jiddeċiedi huwa dwar jekk din kienitx ġustifikata fid-deċiżjoni li ħadet li ma tħallasx għall-merkanzija kkonsenjata lilha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà appellata qalet li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta huwa irritu u null, għaliex ma ġiex intavolat avviż mis-soċjetà appellanta, li kienet beħsiebha tintavola rikors tal-appell, kif rikjest *ai termini* tal-artikolu 9(2)(a) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-appell interpost huwa frivolu u vessatorju peress li s-sentenza appellata hija waħda studjata, ġusta u timmerita konferma. Is-soċjetà appellata qalet li hija pproċediet bil-proċeduri quddiem it-Tribunal wara li s-soċjetà appellanta kienet ordnat għadd ta' oġġetti mingħandha li għalihom inħarġu tmien fatturi, u minkejja li dawn l-oġġetti ġew ikkonsenjati u aċċettati mis-soċjetà appellanta, din baqgħet ma ħallsitx tagħhom. Is-soċjetà appellata qalet li l-appell tal-appellanta huwa bbażat fuq il-fatt li t-Tribunal iddeċieda l-kawża mingħajr ma ħatar espert tekniku sabiex jivvaluta l-merkanzija li ġiet ipprovduta, u dan meta mill-verbali tal-kawża ma jirriżultax li is-soċjetà appellanta qatt talbet għall-ħatra ta' espert tekniku, u lanqas ma kien hemm xi obbligu da parti tat-Tribunal li jaħtar tali espert. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li s-soċjetà appellanta baqgħet issostni li ma riditx tħallas għaliex allegat li kienet inkorriet danni minħabba d-dewmien, u għal dan id-dewmien kienet taħti s-soċjetà appellata. Minkejja dan, is-soċjetà appellanta naqset milli ġġib

prova ta' tali danni sofferti minnha, u ma ppreżentat ebda kontro-talba sabiex tressaq 'il quddiem il-pretensjoni tagħha sabiex tiġi kkumpensata għal dawn id-danni. Is-soċjetà appellata qalet li hija ma tistax tifhem il-ħatra ta' espert tekniku x'rilevanza għandha għal dawn il-proċeduri, partikolarment meta llum il-*control panel* inkwistjoni jinsab installat u qed jiffunzjona tajjeb fl-uffiċċji tas-soċjetà Ernst & Young. Is-soċjetà appellata sostniet li l-kwistjoni bejn il-partijiet hija waħda purament legali u mhux teknika, u f'każ li s-soċjetà appellanta ser tibqa' ssostni li hija m'għandhiex tħallas għall-merkanzija kkonsenjata lilha, din għandha ġġib prova valida dwar dan, partikolarment f'ċirkostanzi fejn l-oġġett li qiegħda tilmenta dwaru s-soċjetà appellanta ġie aċċettat minnha u qiegħed isir użu minnu mingħajr ma ħallset tiegħu. Is-soċjetà appellata ssostni li mill-provi jirriżulta li l-merkanzija kollha mibjugħa minnha tammonta għal €2,813.66, u din ġiet aċċettata kollha mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-fatt innifsu li l-merkanzija ġiet aċċettata u ntużat mill-appellanta f'uffiċċji ta' terzi u *f'showroom* li l-appellanta kriet lil terzi, għandu jkun biżżejjed biex it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li l-appellanta għandha tħallas għal din il-merkanzija, u dan għaliex f'każ li din titħalla żżomm merkanzija li ma ħallsitx tagħha, tkun qiegħda tarrikkixxi ruħha indebitament. B'riferiment għall-*ballasts* li s-soċjetà appellanta ilmentat li huma difettużi, is-soċjetà appellata tgħid li minkejja li kienet saret offerta lis-soċjetà konvenuta sabiex dawn jiġu ritornati u mibdula, Gino Cutajar stess fix-xhieda tiegħu kkonferma li dawn il-*ballasts* qatt ma ġew ritornati mill-appellanta lill-appellata, u għalhekk is-soċjetà appellanta għandha tħallas ta' dawn il-*ballasts*.

L-appellata tispjega li l-*ventilation control panel* tiswa €1,710.27 kif jirriżulta mill-fatturi esebiti, u minkejja li din għadha qiegħda tintuża u għadha installata fl-uffiċċji ta' terzi, is-soċjetà appellanta baqgħet qatt ma ħallset tagħha. L-appellata għamlet riassunt tal-fatti kif seħħew, u spjegat li wara li Michel Le Brun irċieva l-ordni mis-soċjetà appellanta, u ħadem l-istima li kienet tammonta għal €4,951.93, Matthew Micallef, esponent tas-soċjetà appellanta kien talab li din l-istima tiġi riveduta u naqqas uħud mill-ispeċifikazzjonijiet li abbażi tagħhom kienet inħadmet l-istima oriġinali. Wara li nħadmet stima oħra mill-appellata, u din ġiet aċċettata mill-appellanta, l-imsemmi Matthew Micallef talab li s-soċjetà appellanta tingħata l-opportunità li żżid l-*ispeed drives* mal-*panels* ordnati. Meta l-ordni nħadmet minn Yosef Scicluna, dan bagħatha lil Alex Azzopardi, li min-naħa tiegħu aċċettaha. Kien biss wara li din il-*control panel* ġiet fl-uffiċċini tal-klijenti tas-soċjetà appellanta, li bdew jinqalgħu kwistjonijiet peress li dak li ġie ordnat mis-soċjetà appellanta ma kienx jirrifletti l-ispeċifikazzjonijiet li riedu Ernst & Young, u għalhekk kien hemm il-ħtieġa ta' diversi modifiki fit-tħaddim ta' dan il-*control panel.* Wara l-installazzjoni ta' din il-*control panel,* irriżulta li uħud mill-affarijiet li ntalbu mill-appellanta ma setgħux isiru, għaliex Ernst & Young kellha sistema ta' sigurtà fuq in-*network* tagħha u *firewall* li beda jwaqqaf il-*control panel* milli jwettaq ċerti funzjonijiet. L-appellata ssostni li dan kien nuqqas tas-soċjetà appellanta li naqset milli tassigura li l-ispeċifikazzjonijiet ordnati minnha kienu adegwati għas-sistema kompjuterizzata tal-kumpannija Ernst & Young. L-appellata sostniet li hija s-soċjetà appellanta li għandha twieġeb għal dawn in-

nuqqasijiet, partikolarment għaliex kien Alex Azzopardi nnifsu għan-nom tas-soċjetà konvenuta, li aċċetta l-*control panel* meta mar jaraha fil-*workshop* ta' Yosef Scicluna. Is-soċjetà appellata qalet li għad li din il-*control panel* ġiet aċċettata u nżammet mill-appellanta, din naqset milli tħallas tagħha, u huwa f'dan is-sens li l-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti hija waħda purament ta' natura legali u mhux teknika kif allegat l-appellanta. Finalment l-appellata ssostni li s-soċjetà appellanta baqgħet ma ġabet l-ebda provi tad-danni li allegatament tħallsu minnha lis-soċjetà Ernst & Young minħabba d-dewmien lamentat minnha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-uniku aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, flimkien mar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan fil-kuntest tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

Però qabel xejn il-Qorti sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata li dan l-appell huwa null għax meta ngħatat id-deċiżjoni mit-Tribunal, ma ngħatax avviż dwar l-intenzjoni li jsir appell *ai termini* tal-artikolu 9(2)(a) tal-Kap. 380. Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja dak li tipprovdi din id-dispożizzjoni tal-liġi, m'hemmx imposta l-piena ta' nullità f'każ li xi parti tonqos milli tinforma lir-Reġistratur bl-intenzjoni tagħha li tintavola appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal. Din id-dispożizzjoni taqa' taħt l-artikolu tal-liġi li jirregola

l-proċedura quddiem it-Tribunal, li bl-aktar mod ċar jistipula li l-proċedura adoperata mit-Tribunal għandha tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun hemm element ta' prattiċità, u ladarba ma jirriżultax li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali ġew leżi b'xi mod, u s-soċjetà appellata ġiet notifikata bir-rikors tal-appell u kellha l-opportunità li tippreżenta r-risposta tagħha u tippreċiża l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appell m'għandux jiġi ddikjarat null. Wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħin meta tingħata deċiżjoni minn tribunal jew qorti, ħafna drabi l-avukat ma jkunx akkumpanjat mill-klijent tiegħu, u jista' jkun li jilħqu jgħaddu diversi ġranet qabel ma l-klijent jagħti struzzjonijiet lill-avukat tiegħu sabiex jappella mid-deċiżjoni. Fi kwalunkwe każ, ladarba jirriżulta li m'hemm l-ebda ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fil-konfront tal-appellata, il-Qorti tqis li m'hemmx lok għal nullità.

*L-uniku aggravju:* *Id-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex ġusta peress li ngħatat mingħajr ma saret il-ħatra ta' espert tekniku*

L-uniku aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu billi għamel apprezzament tal-provi u tax-xhieda li nstemgħu u kkonsidra l-kredibbilità tagħhom, u dan mingħajr ma ħatar espert tekniku sabiex jagħmel analiżi tal-apparat sofistikat li s-soċjetà appellata kkonsenjat lis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta sostniet li din il-vertenza setgħet tiġi deċiża biss bil-ħatra ta' espert tekniku u mhux billi l-ġudikant jiżen min mix-xhieda huwa l-aktar kredibbli. Is-soċjetà appellanta

ħadet din il-pożizzjoni għaliex it-Tribunal mhux mistenni li jkollu ċertu livell ta' *expertise* dwar kwistjonijiet tekniċi, jew sabiex jikkonsidra jekk kienx hemm problemi ta' natura teknika bil-merkanzija kkonsenjata mis-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanta. Peress li f'dan il-każ ma ġiex maħtur espert tekniku, issostni l-appellanta, it-Tribunal spiċċa wasal għal deċiżjoni żbaljata fir-rigward ta' din il-materja teknika.

Il-Qorti tirrileva li mill-verbali tas-seduti tat-Tribunal, jirriżulta li ma saret l-ebda talba għall-ħatra ta' espert tekniku da parti tas-soċjetà appellanta, u min-naħa tiegħu lanqas it-Tribunal ma kien obbligat li jaħtar espert tekniku sabiex jassistih f'din il-materja. In-nomina ta' espert tekniku fi proċeduri ġudizzjarji hija waħda fakoltattiva u mhux obbligatorja. Il-Qorti hija tal-fehma li ladarba t-Tribunal seta' jasal għal deċiżjoni fuq il-bażi ta' probabbiltajiet skont il-provi prodotti fil-kawża, it-Tribunal ma kellux għalfejn jordna l-ħatra ta' espert tekniku. Il-fatt li t-Tribunal ma ħassx il-ħtieġa li jinnomina espert tekniku biex jassistih, ma jfissirx li b'daqshekk ġie arrekat xi preġudizzju fil-konfront tas-soċjetà appellanta. Wara kollox lanqas is-soċjetà appellanta ma ħasset li kienet meħtieġa din il-ħatra, għaliex kieku kienet titlobha kif kellha dritt li tagħmel. Barra minn hekk il-Qorti tirrileva li s-soċjetà appellanta naqset milli tispjega x'kienet il-materja teknika li issa qiegħda tippretendi li kellu jirrelata dwarha espert tekniku, peress li llum jirriżulta li s-sistema inkwistjoni ilha li ġiet installata, u qiegħda tiffunzjona tajjeb.

Il-Qorti tqis li l-proċeduri odjerni ġew istitwiti wara li s-soċjetà appellata kienet ikkonsenjat għadd ta' oġġetti lis-soċjetà appellanta, li uħud minnhom saħansitra ġew installati fi proprjetà ta' terzi, u li għadhom jintużaw sal-lum, mingħajr ma sar ħlas tagħhom mis-soċjetà appellanta. L-oġġetti kkonsenjati jikkonsistu f'għadd ta' *ballasts* u *ventilation control panel,* li wara li ġie nstallat kellu jiġi pprogrammat skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-klijent Ernst & Young. Mill-provi jirriżulta li wara li talbet kwotazzjoni għall-imsemmi tagħmir, is-soċjetà appellanta talbet ukoll għal tibdil fl-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa minnha, u wara li ġiet aċċettata u pproċessata l-ordni tas-soċjetà appellanta, it-tagħmir inkwistjoni ġie installat f'Awwissu tal-2015. Imma jirriżulta ukoll li għal raġunijiet li ma kellha ebda kontroll fuqhom is-soċjetà appellata, kien hemm il-ħtieġa ta' diversi modifiki għal din l-installazzjoni. Dawn il-modifiki kienu meħtieġa minħabba li s-sistema ma setgħetx titħaddem b'mod immdejat minħabba nuqqas ta' kompatibilità man-*network* tal-kommittent li kellu *firewall* b'saħħtu installat fis-sistema tiegħu. Jirriżulta però li inġinier u għadd ta' persuni tekniċi li jaħdmu mas-soċjetà appellata marru fl-uffiċċji tal-kommittent diversi drabi sabiex jaħdmu fuq l-ipprogrammar ta' dan it-tagħmir li ġie installat, u minkejja li l-prodott finali ġie kkonsenjat u qed jaħdem skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mis-soċjetà appellanta, din xorta waħda baqgħet ma ħallsitx lis-soċjetà appellata tiegħu. L-appellanta ppretendiet li s-soċjetà appellata kellha taċċetta li titħallas prezz ridott ferm għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha, u tgħid li dan għaliex hija kellha tħallas danni u penali lill-kommittent minħabba li l-apparat ma ġiex ikkonsenjat fil-ħin. Il-Qorti

tirrileva li s-soċjetà appellanta ma ġabet ebda prova tad-danni allegatament imħallsa minnha, u ma ressqet 'il quddiem l-ebda pretensjoni jew kontro-talba għal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni li tgħid li sofriet, u għalhekk ċertament li mhix ġustifikata fil-pretensjoni tagħha li b'mod arbitrarju taqbad u tnaqqas mill-bilanċ tal-prezz dovut ammont li suppost jirrappreżenta d-danni li hija tgħid li sofriet.

Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant mhux wieħed mistħoqq u għalhekk sejra tiċħdu.

**Decide**

**Għar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**